**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Lulju 2024**

Rikors Numru: 57/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1018/1998)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-esponenti żżewwget lill-intimata nhar l-għoxrin (20) ta' Ġunju, Elf Disa' Mija Tmienja u Disghin (1998) (kif jixhed l-estratt taċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom anness u mmarkat bħala DOK A).

2. Illi l-esponenti isseparat legalment minn mal-intimat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis, datat id-29 ta' Mejju, 2014 (vide kopja annessa u immarkata - DOK B).

3. Illi l-kontendenti b'hekk ilhom separati ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil- ligi.

4. Illi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal F u G li llum huma maġġorenni.

5. Illi l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom stante skont il- kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reciprokament mid-dritt li jirċievu manteniment minghand xulxin.

6. Illi ma hemmx lok li l-partijiet jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

7. Illi l-esponenti tixtieq tottjeni d-divorzju jew hall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taż-żwieġ ta' bejn l-esponenti u l-intimat; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti. javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Frar 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Mejju 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.